**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum l-Erbgha 18 ta' Novembru, 2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**
**vs.**
**Duncan Calleja**
**Mario Cremona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Duncan Calleja ta' 19 sena, bin Brian u Brichette nee' Grech, imwieled il-Pieta' fis-26 ta' Jannar, 1989 u joqghod 'Ave Marija', Triq Dr. Paul Grech, Iklin, numru tal-karta ta' l-identita' 104289M u

Mario Cremona ta' 18 sena, bin Charles u Marisa nee' Pavia, imwieled Zabbar fl-1 ta' Novembru, 1989, u residenti 10, Mills Street, Attard numru tal-karta ta' l-identita' 502589M

Akkuzati talli fis-16 ta' Mejju, 2008 ghall-habta tal-11:00 p.m. gewwa Paceville, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jordan Bonello.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fit-3 ta' Gunju, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputati ma kellhom l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-provi ma tantx huma cari dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri.

1. Jidher li kien hemm grupp ta' zghazagh, inkluzi l-imputati, kienu mal-bieb ta' bar f'Paceville, u kienu qed jiccajtaw ma' certu Jordan Bonello.
2. Jordan Bonello kien liebes flokk roza u xi hadd ghajru "pufta", u hu dar lejn l-imputat Mario Cremona u qallu "mur saqsi lil ommok".
3. L-imputat Mario Cremona ha ghalih u qam ghal Jordan Bonello u imbuttah.
4. Jordan Bonello jghid li l-guvintur qamu kollha ghalih u bdew ituh bil-ponn.
5. L-imputati fl-istqarrijiet taghhom u ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni jaghtu kollha verzjonijiet differenti, u kien hemm xhieda li sofrew amnesija.
6. Pero grupp ta' xi sitt (6) guvintur daru ma Jordan Bonello jtuh bil-ponn.
7. Konsegwenza ta' dan l-incident, Bonello sofra brix fil-cornea t'ghajnejh, u ksur f'imniehru li tghawweg lejn ix-xellug u kellu bzonn operazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Fix-xhieda tieghu, Jordan Bonello jghid li xi sitt (6) guvintur qamu ghalieh, imbuttawh u gabuh f'rokna u bdew ituh bil-ponn. Minn hemm il'quddiem hu zamm ghajnejh maghluqin, ghax kien imwerwer. Hu xehed li ma jafx minn tah id-daqqa ta' ponn fuq imniehru u fuq ghajnejh.

Fid-dawl ta’ dan in-nuqqas ta’ provi, certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ma issibx lill-imputati hatja tal-imputazzjoni dedotta kontrihom u qieghda tilliberahom minnha.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**